Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Frar 2023**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0262(NLE)**

**6044/23**
**ADD 1**

**AVIATION 15**
**RELEX 141**
**USA 7**
**N 5**
**ISL 6**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Frar 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 48 final |
| Suġġett: | ANNESS tal- Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 48 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 48 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2023
COM(2023) 48 final

ANNEX

# ANNESS

*tal-*

**Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

**PROTOKOLL**

**Li jemenda l-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

L-UNGERIJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

~~IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ~~,

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Membri"), u

L-UNJONI EWROPEA,

bħala l-ewwel parti;

L-IŻLANDA,

bħala t-tieni parti; u

R-RENJU TAN-NORVEĠJA,

bħala t-tielet parti;

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja hija Parti għall-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda, bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, bħala t-tieni parti, l-Iżlanda, bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja, bħala r-raba' parti, iffirmat fis-16 u fil-21 ta' Ġunju 2011 (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim Anċillari").

*Artikolu 2*

It-test tal-Ftehim Anċillari bil-Kroat, mehmuż ma' dan il-Protokoll, għandu jsir awtentiku skont l-istess kundizzjonijiet bħall-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-iktar waħda tard minn dawn li ġejjin:

1. id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Anċillari, u

2. xahar wara d-data tal-aħħar nota tal-iskambji ta' noti diplomatiċi fost il-Partijiet li jikkonfermaw li tlestew il-proċeduri neċessarji kollha għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Protokoll b'mod proviżorju, sa fejn permess skont il-liġi domestika applikabbli, mid-data tal-iffirmar.

Magħmul fi ………, bi tliet kopji, fi ……….. 20~~19~~**23**, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, **bl-Irlandiż,** bl-Ispanjol, bl-Iżlandiż, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Norveġiż, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, bit-testi kollha awtentiċi b'mod ugwali.

Għall-Istati Membri

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Iżlanda

Għar-Renju tan-Norveġja